# Ġużeppi De Piro

*Fr Tony Sciberras mssp*

*Viċi postulatur - Kawża De Piro*



### 1 Direttur tal-Istitut ta' San Ġużepp, Għajnsielem, Għawdex

Ftit wara t-twaqqif ta' Dar San Ġużepp f'Santa Venera, Malta, minn Mons. Franġisku Bonnici, l-Isqof Pietru Pace, Għawdxi, u li qabel Malta kien ukoll Isqof t'Għawdex, wera x-xewqa tiegħu li tinfetaħ fergħa fil-Gżira Għawdxija biex tieħu ħsieb l-orfni u s-subien fil-bżonn. Minħabba xi diffikultajiet li nqalgħu, dan il-proġett qatt ma seħħ.[1] Tliet snin wara, tlitt irġiel Maltin, li wisq probabbli kienu mħeġġin mill-Arċisqof Pace, ippruvaw jibdew dar li fiha setgħu jilqgħu subien abbandunati. L-istess bħal ta' qabilha, din l-inizjattiva qatt ma rat id-dawl tal-jum.[2] Sforz ieħor sar minn Dun Ġwann Camilleri, wieħed mill-kappillani t'Għawdex. Minħabba li kien jaf li l-Freres ta' De La Salle kienu qegħdin imexxu d-Dar ta' San Ġużepp f'Malta, stedinhom jibdew xi ħaġa simili f'Għawdex. Jidher li rnexxielu jipperswadi lid-Delegat tal-Kongregazzjoni f'Malta. Fil-fatt, dan tal-aħħar talab lill-Isqof t'Għawdex, Mons. Giovanni Camilleri, biex jiftaħ Kulleġġ għas-subien fejn il-Freres kellhom il-ħsieb jagħtu edukazzjoni reliġjuża u ċivili u kif ukoll istruzzjoni solida u teoretika fl-arti u s-snajja'. L-Isqof Camilleri li kien ilu jixtieq jibda xi ħaġa bħal din, bierek u approva din l-inizjattiva. Imma l-problemi dehru kbar wisq li jingħelbu u l-proġett qatt ma seħħ.[3]

Madankollu, il-bżonn ta' dar għas-subien Għawdxin abbandunati kompliet tinħass u fis-17 ta' Novembru 1923, il-kappillani Għawdxin fasslu kuntratt notarili li bih seta' jitwaqqaf l-orfanatrofju. Għal dan il-għan huma kellhom jitolbu LM1000 bħala sussidju mill-Gvern għaż-żamma ta' għoxrin orfni fid-dar li huma kienu se jsemmuha Orfanatrofju Djoċesan-Parrokkjali u li kellha tinbena f'Għajnsielem, Għawdex.[4] Din il-proposta ġiet aċċettata minn Mons. Mikiel Gonzi li dak iż-żmien kien laħaq Isqof t'Għawdex wara Pietru Pace. Id-digriet tat-twaqqif tad-Dar inħareġ fis-6 ta' Novembru 1924.[5]

Skont dan id-digriet, id-Dar kellha tkun magħrufa bħala *Orfanatrofio Diocesano* u l-gvern ċivili ma kellux jindaħal bl-ebda mod fit-tmexxija tagħha. L-uffiċjali responsabbli mill-amministrazzjoni tagħha kellhom jintgħażlu mill-kappillani nfushom bl-approvazzjoni djoċesana. L-Isqof żamm id-dritt li jippresiedi l-kunsill tal-amministrazzjoni u jevalwa l-applikazzjonijiet kollha. F'każ li l-orfanatrofju kellu jingħalaq, il-propjetà kellha tgħaddi għand l-Isqof t'Għawdex.[6]

Fejn tidħol l-amministrazzjoni tad-Dar, il-kappillani kienu unanimament tal-fehma li din kellha tkun magħquda mad-Dar San Ġużepp f'Malta, li dak iż-żmien kellha bħala Direttur lil Mons. Ġużeppi De Piro.[7] Dejjem metikoluż f'dak kollu li jagħmel, De Piro baqa' jistaqsi għal iktar informazzjoni qabel ma jikkommetti lilu nnifsu.[8] Eventwalment ta l-kunsens tiegħu fit-3 ta' Frar 1925. F'dak l-istess jum, fil-kapaċità doppja tiegħu bħala Direttur ta' Dar San Ġużepp, Malta, u bħala Superjur tas-Soċjetà ta' San Pawl, hu kiteb lill-Arċisqof ta' Malta u talab il-permess biex is-Soċjetà tieħu ħsieb it-tmexxija tal-Orfanatrofju f'Għawdex.[9] L-approvazzjoni uffiċċjali kienet mogħtija fid-9 ta' Frar.[10]



Meta Mons. Mikiel Gonzi għażel lil De Piro biex iwaqqaf u jmexxi l-Istitut il-ġdid ta' San Ġużepp f'Għajnsielem, ħareġ digriet[11] li fih kien hemm ċertifikat sabiħ dwar il-Qaddej ta' Alla. F'dan id-dokument De Piro hu ppreżentat bħala persuna li kellu, "... *idejn esperti*."[12]

1 Cf J. Bezzina, *Saint Joseph Home: a boys' haven in Gozo*, Gozo 1987, pp. 10-11
2 Cf ibid, p. 11.
3 Cf ibid, pp. 11-13.
4 Cf ibid, p. 15.
5 Cf Dpa, *Istitut ta' San Ġużepp (Għawdex)* , pp. 2, 3-7.
6 Cf ibid, pp. 3-7.
7 Cf ibid, p. 8.
8 Cf ibid, p. 9b.
9 Cf ibid, p. 9c.
10 Cf ibid.
11 Cf ibid, pp. 19-20.
12 Cf ibid, p. 19.

Minbarra dan id-dokument hemm oħrajn li jitfgħu aktar dawl fuq De Piro. Minħabba li fil-każ ta' dan l-Istitut, De Piro mhux biss kien l-ewwel Direttur imma dak stess li sawru, hi ħaġa raġunata li din kienet tinvolvi ħafna ħidma biex tkun organizzata l-biċċa xogħol kollha. Il-materjal fl-Arkivji De Piro juri li hu kellu jdur għall-għajnuna tal-Gvern għal iktar minn darba.[13] Għaldaqstant, dan ir-raġel, li ġie minn familja nobbli kien issa qiegħed jittallab għall-art, sussidji u affarijiet oħra.

## 2 Il-banda mużikali f'San Ġużepp, Għawdex

### *Sfond*



Matul l-ewwel nofs tas-seklu 19 kien hemm gruppi ta' rġiel li kienu jafu jdoqqu xi strument mużikali imma li ma kinux jiffurmaw parti minn xi banda jew xi grupp ieħor. F'okkażjonijiet partikolari dawn kienu jiġu msejħa minn xi individwu jew organizzazzjoni biex jingħaqdu flimkien u joħolqu atmosfera ferrieħa bid-daqq tagħhom.[14] Xi snin wara, matul l-ewwel nofs tas-seklu dsatax, bdew jinbtu l-baned. L-għan ewlieni tat-twaqqif tagħhom kien li jdoqqu fil-jiem tal-festi tal-bliet u l-irħula u fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir.[15] Wara ftit taż-żmien, dawn il-baned saru parti minn każini organizzati, bi statuti miktuba, kumitati eletti, membri u saħansitra post fejn jiltaqgħu, ħafna drabi f'post prominenti fil-belt jew raħal.

Dawn il-baned ġew fi żmien meta f'Malta kien hemm illitteriżmu kbir. Hafna mill-bandisti nfushom ma kinux jafu jaqraw. Il-każin għallimhom jaqraw għallinqas in-noti mużikali. Ukoll, fit-tieni nofs tas-seklu dsatax u fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, in-nies ftit kellhom mezzi biex jgħixu l-aspett kulturali ta' ħajjithom u l-ħin ħieles tagħhom, u ħafna ma setgħux imorru għall-ftit attivitajiet li kien ikun hemm. Dawn il-baned ipprovdew l-attivitajiet kulturali u għamluha possibbli li jilħaqhom kulħadd. Fil-Gżira t'Għawdex kien hemm tnejn biss minn dawn il-baned sal-1928, is-Soċjetà Filarmonika La Stella u l-Banda Leone, it-tnejn li huma fil-Belt Victoria jew ir-Rabat.

### *De Piro beda l-banda mużikali f'San Ġużepp*

Meta l-Qaddej t'Alla beda l-Istitut ta' San Ġużepp f'Għawdex, hu ried li l-istess formazzjoni sħiħa li kienet tingħata f'San Ġużepp, Malta, tingħata wkoll fil-fergħa Għawdxija: jekk kien hemm banda f'Santa Venera, De Piro għamel ħiltu li jkun hemm waħda simili f'Għajnsielem. "Is-subien kienu tassew sorpriżi meta raw lil De Piro sejjer l-Istitut ... iġorr pakkett kbir. Il-kurżità tagħhom malajr kienet maqtugħha għaliex ftit wara sabu li d-Direttur kien xtara xi strumenti mużikali biex jibda banda magħmula mis-subien."[16]

Fil-fatt id-Direttur ma riedx jibda każin tal-banda; ried li s-subien tal-Istitut jitgħallmu l-mużika u jkunu huma l-mużiċisti li jdoqqu l-istrumenti li kien ġabilhom.[17] Il-Banda San Ġużepp twaqqfet fl-1928. Ċertu Anton Muscat Azzopardi, hu stess student antik ta' San Ġużepp, Malta, u li De Piro kien għenu biex isir surmast tal-banda, ġie mitlub mill-Qaddej ta' Alla biex jgħallem il-mużika lis-subien.[18]

Wara ftit taż-żmien, surmast ieħor, Mikiel Farrugia, ġie mitlub mid-Direttur biex ikompli hu.[19] Fis-17 ta' Mejju 1931, il-Banda ħarġet mill-Istitut. Daqqet eżatt quddiem San Ġużepp; kien is-sitt anniversarju tat-twaqqif tal-Istitut. F'din l-ewwel deħra pubblika, din il-Banda daqqet *Omaggio al Superiore Msgr Giuseppe De Piro.*[20] In-nies t'Għajnsielem, flimkien ma' Għawdxin oħra, segwew b'interess kbir din l-ewwel dehra u għalhekk attendew bi ħġarhom.[21] Imbagħad il-Banda daqqet fil-festa ta' Sant'Antnin, f'Għajnsielem stess. Daqqet ukoll fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes, f'Għajnsielem ukoll, u fl-okkażjoni tat-tberik tal-qniepen tal-Knisja 'Ta' Savina', fir-Rabat, Għawdex.[22]

---

13 Cf ibid, pp. 25, 28, 29, 30, 31, 33, 34, 35, 36, 37, 38, 39-40, 41-42, 43-44, 45, 46, 47, 48, 49, 50, 51, 52, 53, 54.

14 Cf J. F. Grima, *Il-Baned ta' Malta u Ghawdex: Introduzzjoni*, in *L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, vol. I, Malta 1997, p. x.

15 Ibid. p. ix-x.

16 Għaqda Mużikali San Ġużepp,Għajnsielem, Għawdex, *L-Ewwel Żminijiet tal-Banda Tagħna*, in *Għajnsielem*, 1993 (n 9), Gozo, p. 9. Cf also Dp, *The 1987 Testimonies*, pp. 244, 247, 253, 258.

17 Cf Dp, *The 1987 Testimonies*, pp. 244, 247, 253. Cf also Dp, *The Gozo Testimonies*, pp. 46, 63.

18 Cf Dp, *The Gozo Testimonies*, pp. 14, 32, 46.

19 Cf Għaqda Mużikali San Ġużepp, Għajnsielem, Għawdex, *Għaqda Mużikali San Ġużepp (1928 – 2003)*, p. 36. cf also Dp, *The 1987 Testimonies*, pp. 247, 258; Dp, *The Gozo Testimonies*, pp. 46, 63.

20 Cf Għaqda Mużikali San Ġużepp, Għajnsielem, Għawdex, *Għaqda Mużikali San Ġużepp (1928 – 2003)*, p. 36.

21 Cf ibid, p. 52.

22 Cf ibid.